# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 235/2014**

Il-Pulizija

(Ass. Kumm. Norbert Ciappara)

vs

**Omissis**

**Suzette Farrugia**

bint Francis, imwieled Pieta', fis-7 ta' Lulju, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 541581(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Suzette Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata talli nhar id-9 ta' Frar, 2002, u matul il-granet ta' qabel din id-data:

> Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex tbiegh jew tittraffika medicina (eroina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat, jew iffinanzjat l-assoccjazzjoni;

U aktar talli forniet jew prokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghha**.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara rat il-provi prodotti lliberatha mill-ewwel akkuza ta' assoccjazzjoni, u mit-tieni wahda ta' traffikar; Pero, ghar-ragunijiet esposti, sabitha hatja ta' pussess ta' droga eroina li ma kinitx ghall-uzu personali taghha, u dan wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939 (LS 101.2002); l-Artikoli 22(1) u 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatha ghal piena minima ta' sitt(6) xhur prigunerija, u ghal multa fl-ammont ta' erba' mija hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannatha thallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€224.26).

Rat ir-rikors tal-appellanti Suzette Farrugia minnha pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2014 fejn tallbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn giet misjuba

hatja tat-tielet imputazzjoni limitatament ghall-aggravanti li d-droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali taghha kif ukoll f'dik il-parti tal-piena u konsegwentement tvarja l-piena u tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi l-Qorti tal-Magistrati, fic-cirkostanzi tal-kaz, qatt ma setghet issib lill-esponenti hatja tar-reat ta' pussess aggravat u kellha tillimita s-sejbien ta' htija ghal pussess semplici in kwantu qatt ma gie kontestat li dak iz-zmien hija kienet *user* ta' droga.
>
> Illi ghandu jinghad fl-ewwel lok li l-versjoni moghtija mill-esponenti giet accettata mill-Qorti minghajr rizervi. Dak li pero` wassal lill-Qorti ssib htija ta' pussess hekk imsejjah "aggravat" kienet l-interpretazzjoni tar-reat moghti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Jason Mallia*** *(02.09.1999)*. Qed jigi sottomess minghajr tlaqliq li l-esponenti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet raggunti f'dak il-kaz. Pero` ic-cirkostanzi ta' dak il-kaz kienu kompletament differenti minn dawk tal-kaz in dizamina u l-konkluzzjonijiet hemm raggunti huma rrilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza li hemm f'dan il-kaz.
>
> Illi f'dak il-kaz Mallia kien allega li sab xi droga fil-karozza tieghu u heba d-droga gewwa batterija sabiex jitkixxef ta' min kienet. Fl-aggravju tieghu huwa ssottometta li ma kellux l-*animus* li jispacca din id-droga u kwindi ma setghax jinstab hati tar-reat ta' pussess aggravat ta' l-istess. A parti kwistjonijiet ta' kreddibilita`, il-bran citat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata kien qed jindirizza din il-proposizzjoni tad-difiza li sabiex tinstab htija ta' pussess aggravat il-prosekuzzjoni kellha tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc. Naturalment din is-sottomissjoni ta' l-appellant Mallia giet korrettement michuda mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
>
> Illi, naturalment, fil-kaz in dizamina l-esponenti ma ghamlet ebda sottomissjoni simili. Il-Qorti tal-Magistrati wasslet ghall-konkluzjoni li c-cirkostanza aggravanti kienet tezisti minghajr ma l-ewwel ezaminat jekk effettivament kienx hemm il-pussess li setgha jwassal ghal dik ic-cirkostanza aggravanti. Is-sinjifikat ta' pussess ghall-finijiet tar-reati ta' droga, u del resto ghal kwalsiasi reati li jirrikjedu l-pussess bhala element essenzjali, imur oltre dak li normalment wiehed jifhem b'din il-kelma. Il-kuncett ta' pussess huwa wiehed kumpless li wassal ghal hafna dibattiti fil-Qrati fl-Ingilterra. Is-soluzzjoni ma hijiex ser tinstab b'mera referenza ghal bran ta' sentenza fejn cirkostanzi jew sottomissjonijiet partikolari jkunu gew indirizzati – bhalma gara fil-kaz ta' ***Mallia***.
>
> Illi f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2009,* intqal hekk:
>
> "In the ordinary way, a person has in his possession anything which is in his physical custody, or under his control: see *DPP v. Brooks* [1974] A.C. 862, PC. However, the concept of possession is far from straighforward. This is because, in the criminal law,

every case of possession seems to involve a mental ingredient of some kind…" (27-54, p. 2598).

Iktar 'l quddiem, b'referenza ghall-kaz *Warner v. Metropolitan Police Commr* [1969] 2 A.C. 256, gie ccitat Lord Wilberforce li qal hekk fir-rigward:

"'The question, to which an answer is required, and in the end a jury must answer it, is whether in the circumstances the accused should be held to have possession of the substance, rather than mere control. In order to decide between these two the jury should … be invited to consider all the circumstances – to use again the words of *Pollock & Wright* [Possession in the Common Law, p. 119] – the 'modes or events' by which the custody commences and the legal incident in which it is held. By this I mean, relating them to typical situations, that they must consider the manner and circumstances in which the substance, or something which contains it, has been received, what knowledge or means of knowledge or guilty knowledge as to the presence of the substance, or as to the nature of what has been received, the accused had at the time of receipt or thereafter up to the moment when he is found with it; his legal relation to the substance or package (including his right of access to it)…'." (27-58, p. 2599).

Illi jidher ghalhekk car li l-konkluzzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati ma humiex korretti. Ir-ragunament tal-Qorti kien is-segwenti – irrizulta li ghal xi ftit mumenti d-droga ghaddiet ghand l-esponenti, irrizulta li d-droga ma kienitx intiza ghal konsum taghha, ergo il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghha. Dan il-hsieb huwa rifless mhux biss fid-*decide* tas-sentenza izda anke fil-piena erogata. Infatti l-Qorti erogat piena fil-minimu u invokat ukoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn kienet saret rakkomandazzjoni li l-appellant *de quo* jservi biss gimgha prigunerija b'dan li l-bqija tal-piena tinhafer. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Magistrati qed twassal il-messagg li l-piena minima ghar-reat ma hijiex idonea ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwantu hija wisq severa.

Illi jinghad bl-akbar rispett li kien ikun ahjar li kieku dawn ic-cirkostanzi gew ezaminati b'mod approfondit sabiex l-ewwel jigi stabbilit jekk effettivament kienx hemm il-pussess. X'kienu dawn ic-cirkostanzi? Kif gja` gie spjegat, fid-9 ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002), Brian Pace kien talab lill-esponenti sabiex tmur mieghu bil-karozza. Fil-karozza kien hemm ukoll zewg persuni ohra, fosthom mart Pace. F'xi hin Pace lemah lill-Pulizija u ipprova jahrab minn fuq il-post. F'dak l-istat ta' paniku talab lil martu taqbad pakkett li kien qieghed mohbi gewwa *boots*, ad insaputa ta' l-esponenti, u beda jghajjat "armiha, armiha ghax gejjin ic-CID". Din id-droga spiccat f'idejn l-esponenti, li kienet bilqieghda fuq is-*seat* ta' wara, li remietha barra mit-tieqa.

Illi, kif inghad f'wiehed mill-brani citati "every case of possession seems to involve a mental ingredient of some kind". Huwa car li f'dan il-kaz l-element formali huwa nieqes. L-esponenti qatt ma riedet il-pussess tad-droga u kien proprju ghalhekk li kif din giet ghandha hija remietha immedjatament. Ma rrizulta ebda trapass ta' zmien bejn meta d-droga ghaddiet ghandha u meta hija ddisponiet mid-droga. Fi kliem iehor il-pussess ma kienx volut u c-cirkostanzi huma prova ta' dan.

Illi anke il-" 'modes or events' by which the custody commences and the legal incident in which it is held" ghandhom certament jwasslu ghall-istess konkluzjoni, u cioe` li l-pussess ma kienx volut. Id-droga giet mormija mill-esponenti ghaliex ma rieditx il-pussess taghha.

Illi l-kuncett ta' pussess irid jigi ezaminat bir-reqqa f'kazijiet fejn tali pussess ikun kontestat mill-aspett legali. L-applikazzjoni tac-cirkostanza aggravanti li tali pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv hija biss konsiderazzjoni sekondarja li trid necessarjament tigi kkunsidrata wara li l-pussess ikun gie stabbilit. Altrimenti atti verament innocenti u legali jaqaw fix-xibka tas-sillogizmu maghmul mill-Qorti tal-Magistrati bil-konsegwenti prigunerija tassattiva. Hawnhekk wiehed jistqasi – ghaliex Pulizija jew espert tal-Qorti huwa ezenti minn piena meta jkollu f'idejh droga li manifestament ma tkunx ghall-uzu esklussiv tieghu? Dan l-ezempju ma huwiex qieghed jinghata sabiex l-att ta' Pulizija jew ta' espert nominat mill-Qorti jigi ekwiparat ma' l-att ta' l-esponenti izda semplicement sabiex jigi spjegat li, kif intqal fl-Archbold, mhux kull pussess jammonta ghar-reat. Qed jigi ribadit li l-esponenti qatt ma riedet dak il-pussess u appena d-droga spiccat ghandha hija ddisponiet minnha immedjatament.

Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li l-esponenti kellha tinstab hatja biss ta' pussess semplici bhala konsegwenza ta' l-ammissjoni taghha ta' abbuz ta' droga u kellha tigi ezonerata minn kwalsiasi responsabbilita` penali fir-rigward ta' l-incident tad-9 ta' Frar, 2002.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-appellanti fl-aggravju minnha intentat marbut mal-mertu tal-kaz, tikkontesta l-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti ta' dak li jikkostitwixxi l-"pussess" skont il-ligi, kif aggravat fl-akkuza addebitata lill-appellanti u li taghha hija giet misjuba hatja. L-appellanti tishaq illi hija giet fil-pussess tad-droga biss momentanjament liema pussess ma kienx wiehed volut izda biss accidentali.

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-fatt illi d-droga mertu ta' dan il-kaz kienet tappartjeni lil certu Brian Pace li fil-jum indikat fl-akkuza l-appellanti kienet riekba mieghu fil-vettura li kien qed isuq. Hija kienet riekba fuq is-sedil ta' wara u hdejha kien riekeb certu David Grech li l-appellanti tghid li kienet l-ewwel darba li ltaqghet mieghu. Quddiemha fis-*seat* tal-passiggier kien hemm mart Pace, Nathalie. F'xi hin tghid li Brian Pace erhilha lejn ir-residenza tieghu fejn minn hemmhekk huwa gab par *boots*, liema *boots* tqieghed fuq quddiem hdejn mart Pace, fejn imbaghad instab mill-pulizija[1]. L-appellanti ma kenitx taf li gewwa dan il-*boots* kien hemm id-droga mohbija. F'xi hin Pace jieqaf bil-vettura tieghu sabiex ibiegh xi droga lil persuna li waqqfet hdejn il-vettura taghhom u hawn jindika illi kienu avvistawhom il-pulizija u ghalhekk jahrab bil-vettura minn fuq il-post fejn anke jahbat ma' erba' vetturi ohra waqt l-insegwiment mill-pulizija. Tghid l-appellanti illi dak il-hin semghet lil Brian Pace ighid il-kliem lil martu "*armieha, armieha ghax gejjien tas-CID*". Kien biss f'dan il-mument li lemhet lil mart Pace tohrog borza minn gewwa il-*boots* li kien vicin taghha. Go din il-borza tghid li rat xi trab abjad li ippresumiet li kienet droga. Jidher illi d-droga bdiet tghaddi minn id ghal ohra bil-paniku sa fl-ahhar wasslet ghand l-appellanti li tghid li minn naha taghha bezghet u rmiet din il-borza u l-kontenut taghha 'il barra mit-tieqa tal-vettura. Illi l-Ewwel Qorti emmnet din il-verzjoni tal-appellanti dwar il-fatti.

Fil-fatt l-Ewwel Qorti tghid hekk fis-sentenza impunjata:

**".... jirrizulta bla dubbju, dik id-droga giet ghandha biss biex tehles minnha, mhux ghaliha."**

Ghall-Ewwel Qorti madanakollu dan kien ifisser illi l-appellanti, anke jekk ghal hin qasir kellha il-pussess ta' dik id-droga liema droga me kenitx ghall-uzu taghha, biex b'hekk fil-fehma taghha tirrizulta l-htija ghar-reat tal-pussess aggravat. Biex issostni din il-fehma taghmel referenza ghad-decizjoni Il-Pulizija vs Jason Mallia deciza fit-02 ta' Settembru 1999 minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, liema decizjoni l-appellanti, fl-aggravju minnha intentat tqies illi ma isibx applikazzjoni ghal fattispecje unici ta' dan il-kaz.

---

[1] Ara ritratt Dokument 02AMB105

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr li ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Illi ghalkemm l-kuncett tal-pussess tad-droga li jitkellem dwaru l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jissemmiex fid-dicitura tieghu illi dak il-pussess irid ikun wiehed xjenti sabiex tirrizulta r-reita', madanakollu gjaldarba ir-reat huwa wiehed doluz allura dan necessarjament jimplika il-volontarjeta' tal-att.

> **"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-dispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skont l-artikolu 26 (2).[2]"**

Illi mill-provi li hemm fl-atti ghandu jirrizulta illi l-appellanti lanqas kienet konxja tal-fatt illi fil-*boots* kien hemm borza droga. Mhux biss izda jirrizulta, minn dak li tixhed l-appellanti, illi dik id-droga kienet fil-pussess ta' Brian Pace u kienet tappartjeni lilu tant illi kien hu li gab il-*boots* bid-droga fiha meta hareg biha mir-residenza tieghu. Illi l-pussess momentanju f'idejn l-appellanti allura ma jistax jissarraf f'wiehed aggravat u cioe' ma hemmx provi fl-atti li jindikaw illi l-appellanti volutament kienet qed izzomm fil-pussess taghha dik id-droga sabiex tigi mghoddija lil terzi. Huwa evidenti, kif *del resto* stqarret l-Ewwel Qorti illi dak il-pussess kien wiehed mhux volut u accidentali. Id-droga giet mghoddija lill-appellanti sabiex min kien responsabbli ghaliha jipprova jezimi ruhu minn kull responsabbilta' kriminali hekk kif lemah il-pulizija gejjien warajh. L-appellanti bil-paniku hekk kif giet fil-pussess ta' din il-borza droga, li sa dak il-mument lanqas kienet taf bl-esistenza taghha, remietha 'il barra mit-tieqa tal-vettura

---

[2] Il-Pulizija vs Marzouki Beya Bent Abdellatif App.Inf. 16/02/1998

ghaliex tghid li bezghet.

Illi biex jigi stabbilit il-pussess irid necessrjament jigi ippruvat illi dik id-droga kienet mhux biss fil-kontroll effettiv tal-persuna izda ukoll li hija kellha il-kustodja taghha u dan b'mod volut. Mhux biss izda trid issir il-prova illi dik il-persuna li allura kellha dak il-pusess, kontroll jew kustodja kienet taf li l-oggett li kien fil-pussess taghha kienet droga. Issa mir-rapport redatt mill-espert l-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta illi din kienet droga eroijna tal-piz ta' 36.849 grammi ta' purita ta circa 55%. Dan l-appellanti certament ma kenitx tafu ghalkemm tikkoncedi illi fil-mument li Natahlie Pace harrget il-borza mill-*boots* u zewgha Brian Pace beda ighidilha biex tarmieha hija iddeduciet illi din kienet droga, u allura meta ghaddewielha remietha 'il barra mit-tieqa tal-vettura kif kien qed jordnalha taghmel Pace. Dawn il-fatti allura jindikaw illi l-appellanti qatt ma riedet dak il-pussess li gie mitfugh litterallment f'hogorha minghajr il-kunsens taghha, li f'dak il-mument istintivament rat kif tiddisponi minnha.

Illi l-appellanti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-qrati inglizi fl-ismijiet Warner v Metropolitan Police Commissioner[3] fejn inghad:

> **'Ideally, a possessor of a thing has complete physical control over it, he has knowledge of its existence, its situation and its qualities: he has received it from a person who intends to confer possession of it and he has himself the intention to possess it exclusively of others. But these elements are seldom all present in situation with which the court have to deal, and where one or more of them is lacking, or incompletely present, it has to be decided whether the given approximation is such that possession may be held sufficiently established to satisfy the relevant rule of law. As it is put by Pollock and Wright, possession: is defined by modes of events in which it commences or ceases and by legal incidents attached to it' (Lord Wilberforce).**

Tkompli billi jigi iccitat id-*dictum* moghti minn Lord Guest:

> **'Possession, the visible possibility of exercising physical control over a thing, coupled with the intention of doing so, either against all the world, or against all the world exception of doing so, either against all the world, or against all the world except certain persons. There are therefore, three requisites of possession. First, there must be actual or potential physical control, <u>secondly physical control is not possession, unless accompanied by intention,</u> hence, if a thing is put into a hand of a**

[3] [1969] 2 AC 256

**sleeping person, he had not possession of it. Thirdly, the possibility and intention must be visible or evidenced by external signs, for if the thing shows no signs of being under the control of anyone, it is not possessed'**.

Espost dan l-insenjament gudizzjarju allura huwa evidenti illi l-appellanti ma kellhiex l-intenzjoni li ikollha fil-pussess taghha dik id-droga u li hija giet fil-pussess tad-droga involontarjament biex b'hekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta' sejbien ta' htija ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga.

Billi madanakollu minn dak mistqarr mill-appellanti fix-xhieda taghha hija kienet tuza u tabbuza mid-droga li kienet tigi mghoddija lilha minn Brian Pace u dan fiz-zmien indikat fl-akkuza, allura l-uniku reat li jista' jirrizulta ippruvat fil-konfront taghha huwa biss dak tal-pussess semplici tad-droga ghall-uzu personali taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell maghmul mill-imputata Suzette Farrugia, tghaddi ghalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn l-appellanti giet illiberata mill-ewwel u it-tieni akkuzi, izda tirrevokaha fejn din giet misjuba hatja tar-reat tal-pusess aggravat tad-droga u fejn giet ikkundannata ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €465.87, b'dan illi wara li rat l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issibha hatja biss ta' pussess semplici ta' droga u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur